## 1 ta' Frar, 1988

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Loreta Demicoli *pro et noe*

*versus*

Carmelo Demicoli

## Libell – Malleverija – Garanti Inidoneju

*Skond l-artikolu 131 tal-Kap. 12 ebda libell ma jista' jiġi riċevut mingħajr ma jkun akkompanjat minn garanzija għall-ispejjeż tal-kawża.*

*Meta l-garanti ma jiġix aċċettat mill-part interessata l-garanzija ma titqiesx tajba iżda l-garanti jista' jiġi ddikjarat tajjeb mill-Qorti fuq talba tal-parti li ġġib il-garanzija kontra l-parti li tkun għamlet l-opposizzjoni għaliha.*

*Il-liġi tistabbilixxi b'mod dettaljat il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-artikolu 896 et seq tal-Kap. 12 f'każ ta' rifjut ta' garanzija għall-ispejjeż.*

Il-Qorti: –

Rat il-libell ta' Loreta Demicoli *proprio et nomine* ppreżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li bih issottomettiet illi (1) b'digriet numru 172/1987 tas-Sekond'Awla

ta' dik il-Qorti, il-konvenut ġie kkundannat iħallasha erbgħin lira (Lm40) fil-ġimgħa għall-manteniment tagħha u tat-tmient (8) itfal minuri li għandha magħha, u dan mit-3 ta' Marzu 1987; (2) mit-3 ta' Marzu 1987 sas-27 ta' Ottubru 1987, għaddew erbgħa u tletin ġimgħa (34) u l-konvenut żewġha flok elf tliet mija u sittin lira (Lm1360) taha biss mitejn u erbgħin lira (Lm240); (3) wara l-mandat ta' sekwestru numru 153/1987 kontra l-konvenut, il-*Mid Med Bank Limited* iddepożita s-somma ta' disat elef seba' mija u żewġ liri, ċenteżmu u seba' milleżmi (Lm9702.01,7) u l-libellanti talbet li, in forza tat-titolu esekuttiv tagħha, hija tiżbanka s-somma ta' tmien mija u tmenin lira (Lm880) lilha dovuti sal-5 ta' Settembru 1987; (4) il-konvenut oppona għall-istess żbank u dik l-Onorabbli Qorti, ordnat lil-libellanti biex jekk jidhrilha tipproċedi – kif qed tagħmel: Talbet illi fil-waqt li ġabet il-malliverija annessa biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż skond il-liġi, dik il-Qorti (a) tawtorizzaha li tiżbanka mill-ammont iddepożitat biċ-ċedola numru 153/1987 is-somma ta' elf mija u għoxrin lira (Lm1120) għall-manteniment dovut sas-27 ta' Ottubru 1987 u l-ispejjeż kollha li batiet il-libellanti, nonostante l-opposizzjoni tal-konvenut. Bl-ispejjeż;

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Novembru 1987 li bih laqgħet it-talba tal-libellanti sabiex tappunta l-kawża bl-urġenza u bl-abbrevazzjoni tat-termini kollha legali;

Rat ir-risposta tal-libellat Carmelo Demicoli fejn issottometta li: (1) preliminarjament illi l-garanti offrut huwa inidoneju u in mankanza ta' depożitu biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż, dan il-libell għandu jiġi ddikjarat deżert; (2) fil-mertu oppona għall-iżbank mill-flus mitluba minħabba dawn ir-raġunijiet;

*Omissis;*

Rat ir-replika tal-libellanti Loreta Demicoli għar-risposta tal-libellat fejn issottomettiet li ebda wieħed mill-paragrafi fir-risposta ma jikkontjeni raġuni kontra l-iżbank mitlub, u li l-istess risposta tikkontjeni biss allegazzjonijiet kontra d-digriet tas-Sekond'Awla, imma xejn fuq l-azzjoni għall-iżbank;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 1987, fejn id-difensur tal-libellat irrileva li l-proċeduri m'humiex korretti għat-tenur ta' l-artikolu 141 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 12) u l-artikoli l-oħra kollha rilevanti, u talab sentenza fuq ir-risposta tiegħu;

Rat ukoll it-talba tal-libellanti fl-istess verbal sabiex it-termini ta' l-appell u petizzjoni jiġu abbrevjati;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1987 li biha laqgħet it-talba tal-libellanti;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fl-10 ta' Diċembru 1987;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 1987 li biha għar-raġunijiet hemm imsemmija talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza fuq imsemmija ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tad-9 ta' Diċembru 1987 u l-attijiet jiġu rinvjati quddiemha biex jinstemgħu l-provi u, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' nullità tas-sentenza, li hu jiġi ammess jagħmel

il-provi tiegħu quddiem din il-Qorti u hekk tiġi rrevokata l-istess sentenza tad-9 ta' Diċembru 1987 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appellata *proprio et nomine* ppreżentata fis-16 ta' Diċembru 1987;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fil-petizzjoni tiegħu ta' l-appell il-konvenut appellant qiegħed javvanza diversi aggravji. Hemm però fost dawn l-aggravji wieħed li, jekk jiġi aċċettat, huwa assorbenti billi jwassal għan-nullità tas-sentenza appellata. Dana huwa illi l-ewwel Qorti naqset li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut appellant, u ċjoè li l-garanti offrut huwa inidoneju u in mankanza ta' depożitu biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż, dan il-libell għandu jiġi ddikjarat deżert;

Ikkunsidrat:

Skond l-artikolu 131 tal-Kap. 12 (Ediz. Riv. 1984) ebda libell (u l-proċeduri preżenti saru permezz ta' libell) ma jista' jiġi riċevut mingħajr ma jkunx akkompanjat minn garanzija għall-ispejjeż tal-kawża. Fil-każ preżenti ġie akkompanjat b'garanzija iżda l-konvenut fir-risposta tiegħu eċċepixxa preliminarjament illi l-garanti offrut huwa inidoneju;

F'każ simili, meta l-garanti ma jiġix aċċettat mill-parti

interessata, il-garanzija ma titqiesx tajba (art. 893, Kap. 12) iżda, skond l-istess disposizzjoni tal-liġi, il-garanti, fil-każ ta' opposizzjoni (bħal f'dan il-każ) jista' jiġi ddikjarat tajjeb mill-Qorti fuq talba tal-parti li ġġib il-garanzija kontra l-parti li tkun għamlet l-opposizzjoni għaliha. Il-liġi tistabbilixxi b'mod dettaljat il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-artikolu 896 *et seq.* tal-Kap. 12, f'każ ta' rifjut ta' garanzija għall-ispejjeż;

Jidher minn eżami tal-proċess u anke mis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti injorat kompletament l-imsemmija eċċezzjoni u dana wkoll nonostante li l-konvenut, kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 1987, ġibed l-attenzjoni ta' l-ewwel Qorti għall-fatt li l-proċeduri m'humiex korretti a tenur ta' l-artikolu 141 tal-Kap. 12 u l-artikoli l-oħra kollha rilevanti u talab sentenza fuq ir-risposti tiegħu;

Dan in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti, fil-fehma tal-Qorti, għandu jwassal fil-każ preżenti għan-nullità tas-sentenza appellata billi din tkun ġiet li ngħatat fi proċeduri li m'għandhomx garanzija li tista' titqies tajba meta l-liġi trid li dawk il-proċeduri jiġu akkompanjati b'garanzija għall-ispejjeż tal-kawża;

In vista tal-konklużjoni fuq raġġunta, il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tidħol f'punti oħra msemmija fl-atti u għalhekk tħalli dawn il-punti impreġuikati bejn il-kontendenti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara s-sentenza appellata irrita u nulla u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanza, kif ukoll ta' din l-istanza, għandha tbatihom l-attriċi *proprio et nomine.*